IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2016
COM(2016) 900 final

2016/0358 (NLE)

Proposta għal

OPINJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm ta' sħubija ekonomika ppreżentat mill-Portugall

2016/0358 (NLE)

Proposta għal

OPINJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm ta' sħubija ekonomika ppreżentat mill-Portugall

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013[1] dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro, b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) jimmira li jiżgura d-dixxiplina baġitarja fl-Unjoni u jistabbilixxi l-qafas għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi tal-gvern. Huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi governattivi sodi bħala mezz sabiex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli b'saħħtu bbażat fuq stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa l-kisba tal-objettivi tal-Unjoni għal tkabbir sostenibbli u impjiegi.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ imsaħħaħ tal-politiki baġitarji fiż-żona tal-euro u għall-iżgurar li l-baġits nazzjonali jkunu konsistenti mal-gwida tal-politika ekonomika maħruġa fil-kuntest tal-PST u s-Semestru Ewropew. Peress li miżuri purament baġitarji jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw korrezzjoni dejjiema tad-defiċit eċċessiv, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri addizzjonali ta' politika u riformi strutturali.

(3) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 jistabbilixxi l-modalitajiet kif l-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom jippreżentaw programmi ta' sħubija ekonomika taħt proċedura ta' defiċit eċċessiv. Billi jistabbilixxi pjan direzzjonali ta' miżuri li jikkontribwixxu għal korrezzjoni effettiva u dejjiema tad-defiċit eċċessiv, il-programm ta' sħubija ekonomika għandu, b'mod partikolari, jiddeskrivi fid-dettall ir-riformi fiskali strutturali ewlenin, b'mod partikolari dawk li jirreferu għat-tassazzjoni, is-sistemi tal-pensjonijiet u tas-saħħa u l-oqfsa baġitarji, li se jkunu strumentali biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv b'mod tempestiv u dejjiemi.

(4) Fit-2 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill adotta deċiżjoni skont l-Artikolu 126(6) tat-Trattat, fejn il-Portugall kien tpoġġa fi proċedura ta' defiċit eċċessiv. F'Ottubru 2012 u sussegwentement f'Ġunju 2013, il-Kunsill adotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat fil-kuntest ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv li nfetħet

[1] ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11.

qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 473/2013. F'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, il-Portugall irraporta fil-qafas ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu u għalhekk ma kienx rikjest li jippreżenta programm ta' sħubija ekonomika f'Ġunju 2013 wara rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat. Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill adotta deċiżjoni skont l-Artikolu 126(8) tat-Trattat, li tistabbilixxi li l-Portugall ma ħax azzjoni effettiva biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu sad-data ta' skadenza tal-2015. Barra minn dan, fit-8 ta' Awwissu 2016, il-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 126(9) tat-Trattat, iddeċieda li jagħti avviż lill-Portugall biex jieħu miżuri li huma meqjusa neċessarji għat-tnaqqis tad-defiċit biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2016. Id-deċiżjoni tal-Kunsill li jingħata avviż f'konformità mal-Artikolu 126(9) speċifikat ukoll li l-Portugall, bl-għan tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku, jeħtieġ li jippreżenta programm ta' sħubija ekonomika sal-15 ta' Ottubru 2016, f'konformità mal-Artikoli 9(3) u 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013.

(5) Fil-21 ta' Ottubru 2016, il-Portugall ippreżenta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill programm ta' sħubija ekonomika, li jippreżenta, b'mod partikolari r-riformi fiskali-strutturali li jimmiraw li jiżguraw korrezzjoni effettiva u dejjiema tad-defiċit eċċessiv. Il-programm ta' sħubija ekonomika jinkludi miżuri strutturali fiskali li jimmiraw li jindirizzaw it-talbiet tal-Kunsill fid-deċiżjoni tiegħu skont l-Artikolu 126(9), inklużi miżuri dwar l-oqfsa baġitarji u fiskali u dwar is-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa. Id-dokument jinkludi wkoll miżuri li jimmiraw lejn it-tkabbir tal-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli fuq perjodu twil ta' żmien f'konformità mar-Rakkomandazzonijiet tal-Kunsill indirizzati lill-Portugall fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod speċifiku, il-miżuri fiskali strutturali ppjanati mill-Portugall huma s-segwenti: i) it-twettiq ta' rieżamijiet ta' nfiq; ii) it-titjib tat-trasparenza ta' sħubijiet pubbliċi-privati (PPP - public-private partnerships); iii) it-titjib tal-finanzjament u s-sostenibbiltà tas-settur tas-sigurtà soċjali; u iv) it-titjib tal-effiċjenza u s-sostenibbiltà tas-settur tas-saħħa. Jekk dawn il-miżuri jiġu implimentati b'mod effettiv jistgħu jkunu mistennija li jikkontribwixxu għall-korrezzjoni dejjiema tad-defiċit eċċessiv tal-Portugall.

(6) L-implimentazzjoni rigoruża tal-baġit inkluż permezz tal-iffriżar ta' konsum intermedju, tista' tkun mistennija li twassal għall-isforz fiskali mitlub mill-Kunsill għall-2016 u tiżgura korrezzjoni tad-defiċit effettiv sad-data tal-iskadenza. Madankollu, ir-riskji għal korrezzjoni tempestiva u dejjiema jibqgħu, notevolment minħabba l-impatt tal-effett dirett ta' appoġġ bankarju potenzjali. Għall-2017, anki jekk wieħed jassumi l-implimentazzjoni sħiħa tal-baġit tal-2017 skont il-miri baġitarji ffissati fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-Portugall għall-2017, l-aġġustament strutturali ppjanat jindika riskju ta' xi devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament meħtieġ lejn l-OTM fl-2017. Il-valutazzjoni bbażata fuq it-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2016 tindika, minflok, li hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM.

(7) Ir-rieżamijiet tal-infiq kurrenti jistgħu jkunu mistennija li jaqblu biex tinżamm is-sostenibbiltà fiskali fil-perjodu medju billi dawn jidentifikaw kisbiet fl-effiċjenza u ffrankar fiskali fl-amministrazzjoni pubblika u fis-settur tal-intrapriżi tal-istat (SOE - state-owned enterprise), li, jekk implimentatati malajr, ikunu fl-aħħar mill-aħħar

qegħdin inaqqsu l-ħtieġa tagħhom għal trasferimenti mill-istat. Billi r-rieżamijiet ġew varati biss riċentement, l-iffrankar potenzjali identifikat sa issa għadu relattivament moderat (madwar 0,1% tal-PGD fuq medda ta' tliet snin għar-rieżami tan-nefqa skont l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2017). Jenħtieġ li l-kontribut ta' dawn ir-rieżamijiet għall-indirizzar tal-isfida tas-sostenibbiltà fiskali jiġi mmonitorjat bir-reqqa.

(8) Wara titjib reċenti, rieżami tal-kodiċi ta' akkwist pubbliku — li kien ippjanat li jiġi konkluż sa tmiem l-2016 — jista' jipproduċi xi kisbiet ta' effiċjenza minn trasparenza mtejba għal sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) u konċessjonijiet. Fl-istess ħin, il-programm ta' sħubija ekonomika jistenna wkoll it-titjib tat-trasparenza rigward il-PPP u li jimmaterjalizzaw konċessjonijiet fil-livelli reġjonali u lokali u għal kuntratti ta' konċessjoni għat-terminals tal-portijiet. Madankollu, il-programm ta' sħubija ekonomika ma jipprovdi ebda indikazzjoni fir-rigward tal-impatt ta' dawn ir-riformi fuq il-bilanċ tal-baġit.

(9) Rigward il-miżuri mmirati lejn it-titjib tal-finanzjament u s-sostenibbiltà tas-sigurtà soċjali, l-awtoritajiet qegħdin jippjanaw li gradwalment iġibu fix-xejn it-trasferimenti mill-baġit tal-Istat sal-2019 f'konsistenza ma' tkomplija tal-irkupru ekonomiku. Fl-istess ħin, il-Portugall qiegħed jippjana rivalutazzjoni tas-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet bil-ħsieb li jinżamm impatt newtrali ta' miżuri possibbli fuq il-pożizzjoni fiskali. L-isfidi dwar kif tiġi żgurata s-sostenibbiltà fuq perjodu qasir u medju jibqgħu u, meta jirreferi għall-istudju komprensiv attwalment ippjanat dwar id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament u miżuri oħrajn, il-programm għadu ma jipprovdix biżżejjed informazzjoni dwar kif dawn l-isfidi jiġu indirizzati.

(10) Fl-aħħar nett, il-miżuri mmirati sabiex itejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tas-settur tas-saħħa, inkluż it-tisħiħ tat-trasparenza u l-awditjar kif ukoll it-twettiq ta' rieżami ta' ftehimiet u subkuntratti, filwaqt li jindikdaw id-direzzjoni t-tajba, għadhom mhumiex speċifikati bis-sħiħ u informazzjoni suffiċjenti dwar l-effiċjenza konkreta futura apparti minn dik identifikata fir-rieżami tan-nefqa mhijiex ipprovduta. Linja ta' finanzjament tas-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali ġdida mit-taxxa l-ġdida fuq xorb biz-zokkor hija mistennija li twassal għal dħul addizzjonali annwali ta' EUR 80 miljun fis-sistema tal-kura tas-saħħa,

ADOTTA DIN L-OPINJONI:

Il-programm ta' sħubija ekonomika tal-Portugall ippreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fil-21 ta' Ottubru 2016 inkluda sett wiesa' adegwat ta' riformi fiskali strutturali, li jkun ta appoġġ għall-korrezzjoni effettiva u dejjiema tad-defiċit eċċessiv, bħala żvilupp tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà tiegħu. B'mod speċifiku, il-programm ta' sħubija ekonomika jikkonferma l-aġenda ta' riforma għal riformi fiskali u riformi strutturali oħra inklużi fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma, u jipprovdi xi dettalji oħra dwar l-implimentazzjoni ta' wħud minn dawn il-miżuri fiż-żmien minn meta ġie ppreżentat, u dwar l-iskadenzi għas-segwitu. Fl-istess ħin, ċerti rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill huma biss parzjalment appoġġati minn miżuri konkreti, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw is-sostenibbiltà tas-sistema tas-sigurtà soċjali. Il-Kummissjoni u l-Kunsill se jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-riformi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u tas-sorveljanza wara l-programm.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President